Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 28**

**Data:** It-Tnejn, 29 t' April 2024
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov - Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Skużati**
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**28.1 Ittri ta' apoloġiji**

28.1.1 Il-President semma li s-Sur Charles Bonello, is-Sur Jesmond Aquilina u s-Sur Steven Axisa talbu li jkunu skużati.

28.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva unanimament li dawk mhux preżenti li jitniżżlu bħala skużati.

**28.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 27**

28.2.1 Il-President qara l-minuti u preżentahom hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

28.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**28.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 28**

28.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Stephen Sultana u s-Sur Sandro Azzopardi, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Marzu 2024 u d-29 t' April 2024 li kienet tammonta għal €101,442.76.

**28.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 27**

| | |
|---|---|
| **28.4.1 INDIS** | Il-President semma li kien għadu għaddej f' komunikazzjoni mal-INDIS rigward l-irregolaritajiet li binja oħra għamlet u għaldaqstant ingħlaq l-aċċess minn wara tal-binja għall-Assoċjazzjoni. Semma li ser ikun qed jagħmel rapport mal-Pulizija. |
| **28.4.2 Open Day – Gvern Lokali** | Il-President semma li għalissa din ma setatx tkun ippjanata minħabba li kemm is-Sindki, Kunsilliera u kandidati huma kollha okkupati watq il-kamapnja elettorali. Għaldaqstant, ser ikun qed isir filmat ta' promoizzjoni sabiex ir-residenti jagħżlu l-kandidati tagħhom għall-Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali. Semma li ser ikun clip qasir u li ser ikun qed jitlob lil media għall-pakketti ta' promozzjoni. |
| **28.4.3 Skart Riċiklabbli** | Il-President semma li huwa jempatizza mal-Kunsilli Reġjonali peress li issa ż-żmien qed jagħfas u kienet għadha ma ngħatatx |

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

triq 'l quddiem. Semma li kienet saret laqgħa mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali flimkien mas-Segretarju Permanenti tal-Finanzi sabiex dawn jifhmu din is-sitwazzjoni u r-Reġjun jingħtaw l-allokazzjoni dovuta lilhom sabiex ikunu jistgħu jonoraw finanzjarjament dan il-kuntratt. Semma li tajjeb wieħed jiġbed l-attenzjoni li laqgħa li għaliha marru waħdihom Uffiċjali Pubbliċi li suppost kienu jafu jirrispondu kull mistoqsija li ġew imsaqsijin dan ma sarx u għaldaqstant il-proċess biex il-Ministeru tal-Finanzi jieħu t-tweġibiet neċessarji kullu jieħu aktar fit-tul. Semma li inizjalment l-Assoċjazzjoni ma kinitx infurmata b' din il-laqgħa. Semma li wara hu flimkien mas-Segretarju Permanenti għall-Ambjent indirizzaw il-mistoqsijiet li kienu intbgħatu kollha bil-miktub. Semma li aktar ma jdum ma jkun hemm direzzjoni r-Reġjuni wasal biex tiskadilhom l-estensjoni tal-kuntratt għall-ġbir ta' skart kummerċjali u għaldaqstant dawn ser jiefqu jiġbru ġbir ta' skart riċiklabbli kummerċjali.

Is-Sur stephen Sultana semma li ma jistax ikun il-ġbir ta' skart kummerċjali riċklabbli jieqaf ħasrem għaliex ser ikun hemm ħafna skart li jitħalla barra.

Il-Kav. Paul Farrugia semma li kif huwa kien issuġġerixxa wkoll qabel bdiet is-sistema, kellu jkun hemm klassifikazzjoni ta' stabbililmenti kummerċjali u dawn iħalsu lill-Kunsill għal dan is-servizz.

Il-Pesident semma li l-RPOs mhumiex lesti li jħalsu għall-ġbir ta' skart kummerċjali għas-snin 2023 u 2024.

**28.4.4 Laqgħa mas-Segretarju Permanenti għall-Gvern Lokali**

Il-President semma li din il-laqgħa għadha ma mmaterjalizzatx.

Is-Sur Max Zammit irringrazzja lill-President tal-ħidma tiegħu fejn permezz ta' din il-ħidma l-Kunsill Lokali qed igawdu aktar rispett mill-Gvern Ċentrali, Entitajiet u Aġenziji.

**28.4.5 Riforma ta' l-Ugwaljanza tal-Ġeneru fil-Gvern Lokali**

Il-President semma li huwa kien imsiefer fuq xogħol għall-konferenza li kien hemm mill-Onor. Zerafa Civelli u l-Onor. Rebecca Buttigieg sabiex jiddiskutu din ir-riforma u għaldaqstant ma kienx possibbli għalih li jattendi. Semma li huwa kien fil-Kumitat li bdew jiddiskutu din ir-riforma. Semma li l-pożizzjoni tiegħu dejjem kienet li l-ewwel irid isir studju xjentifiku għaliex ammont ta' nisa mhux ikollhom intress li jikkontestaw għall-elezzjonijiet. Imbagħad wara jkun hemm ir-riformi kollha meħtieġa fosthom il-konsiderazzjoni li Sindku jkun full-time u anki tnaqqis fin-numru tal-Kunsilliera eletti.

Is-Sur Max Zammit semma li wieħed għandu wkoll jibda jiddiskuti penzjoni ta' servizz li Sindku jagħti dan il-ħin u servizz

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

għall-lokalita'.

**28.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2024**

28.5.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata H.E. Clifford Galea Vella ġie approvat kif preżentat ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Kwart tas-Sena 2024.

**28.6 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Reviżjoni tal-Business Plan u Estimi għas-sena 2024**

28.6.1 Il-President semma li għaddejja ħidma ma' esperti u anki opinjonisti sabiex isir ristrutturar meħtieġ fl-Assoċjazzjoni, semma li hemm bżonn li jkun hemm persuni esperti u anki tekniċi sabiex jingħata sapport kontinwu lill-Kunsilli Lokali. Semma li f' dawn l-estimi ġew inklużi erba' persuni b' salarju fi skala 11, tnejn fi skala 7 bu erba' fi skala 13. Semma li sa l-aħħar ta' Ġunju huwa jkun f' pożizzjoni li jaqsam mal-Eżekuttiv rapport preliminari fuq l-istruttura proposta u anki l-funzjonijiet tal-Assoċjazzjoni. Semma li huwa stmat li sa sena 2026 l-Assoċjazzjoni qed ikun ikkalkolat li ser ikollha bżonn madwar €900,000 f' allokazzjoni diretta sabiex tiffunzjona kif suppost.

28.6.2 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi ġew approvati kif preżentati r-reviżjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024.

28.6.3 Fuq dawn il-premssi hekk kif propost mill-President u ssekondat mis-Sur Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva wkoll il-Business Plan 2024 – 2028.

**28.7 Post Vakant Assistent Prinċipal fi skala 11**

28.7.1 Il-President spjega kif l-Assoċjazzjoni kienet ijlha sentejn b' post għall-post vakant maħruġ kemm fi skala 7 wara niżel għal skala 11. Semma li apparti minn hekk spiċċat sitwazzjoni mhux ġusta fuq il-ħaddiem atal-Assoċjazzjoni li qegħdin fi skala 13. Dan għaliex dawn spiċċaw jassistu u jagħtu sapport lil diversi ħaddiema li qegħdin fi skali aktar għolja minnhom. Semma li għaldaqstant, saret l-intervista ta' waħda mill-ħaddiema u l-Board tal-Għażla qed jirrikomenda li s-Sa. Roberta Carabott titla' fi skala 11. Fuq proposta tal-President l-Eżekuttiv qabel unanimaent li s-Sa. Carabott għandha tieħu l-kariga kif ukoll li jintalab permess għall-ħruġ ta' post vakant ieħor fi skala 11.

**28.5 Komunikazzjoni mill-President**

28.5.1 Il-Kav. Paul Farrugia u H.E Clifford Galea Vella talbu li jkunu skużati mill-laqgħa fis-19:00.

**28.5.2 Serata Melodija** Il-President semma li nhar is-6 ta' Lulju 2024 ser issir serata ta' ringrazzjament u anki merħba lill-Kunsilliera Eletti u anki dawk li jew ġewx eletti jew ma kkontestawx.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **28.5.3 Ukrainin Summer Camp** | Il-President propona li din is-sena l-Assoċjazzjoni tipparteċipa fil-kamp tas-sajf organizzat mill-Kummissjoni Ewropea u jinġabu Malta numru ta' tfal mill-Ukrajina. Fuq proposta tal-President issekondata minn Dr. Azzopardi, l-Eżekuttiv qabel ma' din il-proposta. |
| **28.5.4 Social Responsible Public Procurment** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni kienet magħżula mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tikkollabora f' dan il-proġett. Semma li għaddejjin laqgħat li għalihom qed tattendi s-Segretarju Eżekuttiv. |
| **28.5.5 Ballu tal-Karnival** | Il-President semma li għas-sena 2025 norganizzaw xi attivitajiet marbutin mal-kultura tal-Karnival. Dan anki wara li kellna xi kuntatti mill-Italja sabiex naqsmu flimkien dawn it-tradizzjonijiet. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clifford Galea Vella il-proposta ġiet approvata. |
| **28.5.6 ALL Digital Summit** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ssottometiet l-intress tagħha sabiex issir is-Summit ġewwa Malta fis-sena 2025. Semma wkoll li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed torganizza diversi attivitajiet fuq livell lokali fejn ser ikun promozzjoni ta' użu ta' tekonoloġija eqreb lejn il-komunitajiet. |
| **28.5.7 All Digital General Assembly** | Il-President semma li ser tkun qed tirrappreżenta lill-Assoċjazzjoni s-Sa. Justine Decelis. Semma li din ser tiġi organizzata ġewwa Brussel. |
| **28.5.8 Commonwealth Summit** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni irċiviet sabiex turi l-intress tagħha sabiex jiġi organizzat is-Summit ġewwa Malta. Semma wkoll li l-istess stedina rċivewha l-Ministeru u jidher li kien hemm direzzjoni sabiex id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jissottometti l-interess tiegħu. Semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tassisti u tati l-opinjonijiet tagħha fejn u meta tiġi mitluba. Semma li jrid ikun hemm investiment minimu ta' madwar €200,000. |
| **28.5.9 Kumitat – Siġar mhux miżbura fit-toroq** | Il-President semma li jidher li wara l-każ fatali li kien hemm tal-open roof bus, kien deċiż li jitwaqqaf dan il-kumitat sabiex jara u josserva rotot li fihom hemm siġar li huma għoljin u li forsi mhux qed jiġu miżbura regolari u li jistgħu jkunu ta' periklu. Semma li hu spjega li jekk il-Kunsilli mhux ser ikollhom l-allokazzjoni li tippermetti li jagħmlu risk assessments u jiżbru fejn hemm bżonn, il-Kunsill ma jistax jieħu din ir- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

responsabbilita'.
Is-Sur Sandro Azzopardi preżenta wkoll rapport li r-Reġjun Punent għamel fuq dan il-każ. Semma li kif intbgħatet il-komunikazzjoni lill-Kunsilli l-onus qiegħed fuq il-Kunsill. Apparti li r-Reġjun Punent huwa kontra li jitqaċtu siġar għoljin li ħafna minnhom dawn jagħtu dell lit-toroq. Semma li għandha tkun il-kumpanija ta' roof top buses li tagħmel SWOT analysis u anki risk assessment, kif wara kollox jiġri f' kull pajjiż ieħor sabiex dawn ikunu jistgħu joperaw.

**28.5.10 CEMR Twinning Fund Proposal**

Il-President semma li wara sejħa li CEMR fetħu għall-Assoċjazzjoni, l-AKL issottomettiet l-applikazzjoni tagħha bbażata fuq il-parteċipazzjoni ta' tfal u żgħażagħ kif ukoll l-integrazzjoni tal-komunitajiet diversi.
Semma wkoll li waqt il-laqgħa li kien hemm ġewwa Ċipru l-Assoċjazzjoni wriet interess li l-Kungress ta' CEMR fis-sena 2025 isir ġewwa Malta.

**28.5.11 Rillu Merillu**

Il-President semma li l-Mascot tal-Assoċjazzjoni tkompliet il-branding fuqu, semma li komplew il-laqgħat sabiex jiġi mfassal activity book u jibdew il-preparamenti fuq diversi riżorsi oħrajn.

**28.5.12 Ftehim Kollettiv Ħaddiema Klerikali**

Il-President semma li d-diskussjonijiet għalissa kienu sospiżi minħabba li l-Gvern Ċentrali kellu jiffirma l-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali taċ-ċivil. Semma li wara dan ikun iffirmat u jitqies il-kontenut tiegħu u jkomplu n-negozatjat fuq il-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli.

**28.5.13 Urban City Review**

Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qiegħda f' kuntatt ma' Urban City Review kif ukoll ma' muniċipalita' fil-Greċja fejn flimkien ser nesploraw l-isfidi li gżira jkollha sabiex timmaniġġja l-iskart b' mod aktar effiċjenti u naqsmu prattiċitajiet tajbin.

**28.5.14 Rinovar tal-Binja**

Il-President semma li f' Ġunju għandha tasal il-kċina ta' barra u l-Board Room. Semma wkoll li tlesta t-twaħħil tal-parquette u li ser jibda x-xogħol min-naħa tal-Perit sabiex isir il-lift tal-binja. Huwa propona li jinxtraw żewġ umbrelel oħra għal fuq ir-roof garden kif ukoll BBQ sabiex anki jibdew issiru network meetings jew teambuilding minn Sindki u Kunsilliera bejniethom u anki Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema.

Il-President semma li l-assoċjazzjoni reġgħet ingħatat l-

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **28.5.15 MCAST Summer Camp** | opportunita' li tkun kollaboratur fis-Summer Camp tal-MCAST. Din il-kollaborazzjoni tiswa lil Assoċjazzjoni madwar €2000. Dan l-ispazju ser jintuża sabiex l-Assoċjazzjoni tippromovi anki l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-politka. |

**28.6 Komunikazzjoni mill-Membri**

28.6.1 Dr. Samuel Azzopardi semma li huwa inġust fuq Kunsilli Lokali Għawdxin li jiġu esklużi kompletament minn skemi bħalma hija l-iskema li ġiet imnedija mill-Public Works fejn din ser tkun qed tassisti lill-Kunsilli Lokali fuq bini ta' bankini, ħitan u culverts.

**28.7 Aġġornament**

28.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.29 li nżammet nhar il-Ħamis, 30 ta' Mejju 2024 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**